32006D0191

L 66/50 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 8.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Marzu 2006

Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku skont il-Politika Komuni tas-Sajd huwa operattiv

(2006/19/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd[1], u partikolarment l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet mibgħuta mid-Danimarka fit-13 ta' Diċembru 2005 f'isem id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[2] u d-Deċiżjoni 2004/585/KE jipprovdu l-qafas għall-istabbiliment u l-operat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

(2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2004/585/KE jistabbilixxi Kunsill Konsultattiv Reġjonali li jkopri l-Baħar Baltiku fiż-Żoni IIIb, IIIc u IIId tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Ibħra (ICES) kif iddefinit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91[3].

(3) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra ta' interess ressqu talba dwar l-operat ta' dak il-Kunsill

---

1 ĠU L 256, 3.08.2004, p. 17.

2 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

3 ĠU L365, 31.12.1991, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2005 (ĠU L 74, 19.3.2005, p. 5).

Konsultattiv Reġjonali lid-Danimarka, lill-Ġermanja, lill-Estonja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Polonja, lill-Finlandja u lill-Iżvezja.

(4) Kif jirrikjedi l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, l-Istati Membri kkonċernati stabbilixxew jekk l-applikazzjoni rigward il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku hijiex skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni. Fis-13 ta' Diċembru 2005, l-Istati Membri kkonċernati ttrażmettew rakkomandazzjoni dwar dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali lill-Kummissjoni.

(5) Il-Kummissjoni evalwat l-applikazzjoni tal-partijiet interessati u r-rakkomandazzjoni fid-dawl tad-Deċiżjoni 2004/585/KE u l-għanijiet u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tqis li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku huwa lest biex jibda jopera.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baħar Baltiku, stabbilit bl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, għandu jibda jopera mill-13 ta' Marzu 2006.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Joe BORG
Membru tal-Kummissjoni